MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 620/2007

**Harrison Malta Environmental Ltd. (C13246)**

**Vs**

**Blokrete Limited (C263)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta’ Awissu 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u erbgha u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€834.92) – gja Lm358.43 - rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ *concrete laboratory testing* maghmul ghas-socjeta` konvenuta. Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-2 ta’ Ottubru 2006 kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata nhar l-4 ta' Ottubru 2007 fejn eccepiet illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-*concrete laboratory testing* maghmula mis-socjeta` attrici ghas-socjeta` konvenuta ma kinux tal-kwalita` pattwita u fil-fatt l-istess socjeta` konvenuta kellha tmur taghmel l-istess testing gewwa laboratorju iehor u cioe` fil-laboratorju tas-socjeta` Bitmac Ltd.

Ra l-affidavit u d-dokumenti annessi ta' **Anthony Spiteri**, rapprezentant tas-socjeta` attrici li fost ohrajn xehed illi huwa ilu impjegat mas-socjeta` attrici ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena. Qal fost affarijiet ohra, illi *"Perit Daniel Portelli called Harrison Malta Environmental Ltd on behalf of Blokrete Ltd. saying that they want to bid for a Central Bank tender and that they want a quotation to test 230mm double and single … I sent him a quotation … the quotation states that results will be released upon receipt of payment as is company policy. Later that day Perit Portelli advised us that they will be giving us the testing."* Huwa jkompli illi wara illi kienu ntbaghtu s-samples, Dr Fenech u l-Perit Portelli marru l-ufficcju taghhom sabiex jipprotestaw dwar il-fatt illi rapprezentant taghhom ma setax ikun prezenti waqt it-testing, izda huma xorta awtorizzaw li jsir it-testing. Ix-xhud ikompli jghid illi r-rizultati kienu jigu komunikati biss wara li jsir il-hlas ghas-sample partikolari.

F'Jannar 2007 intbaghtet fax lil Tony Bugeja sabiex jigu mhallsa l-ammonti pendenti. Fi Frar 2007 intbaghtet email interpellatorja lil Dr Fenech. Tlett ijiem wara s-socjeta` attrici baghtet ittra ohra lil Dr Fenech, b'avviz illi jekk l-ammonti ma kienux ser jithallsu, kienu ser jinbdew proceduri legali. Ftit jiem wara Blokrete baghtet ittra fejn sahqet illi ma hassitx li kellha thallas l-ammont stante illi rapprezentant taghhom ma setax ikun prezenti kif ukoll ghaliex ir-rizultati kienu fallew u talbu credit note ghall-ammont shih. Is-socjeta` attrici wiegbet illi hija ma kienitx awtorizzata thalli terzi persuni prezenti waqt is-sampling u fi kwalunkwe kaz hija kienet giet awtorizzata tkompli bl-istess testing, kif ukoll illi huma ma setghux jinterferixxu fir-rizultati anki ghaliex is-sampling ma jsirx minnhom u

inoltre l-Perit Portelli kien weighed illi ser ihallas l-ammont dovut u kien ghalhekk illi nghata l-informazzjoni.

Fl-24 ta' April 2007 ntbaghtet ittra interpellatorja lil Dr Fenech sabiex jithallas l-ammont dovut u sussegwentement inbdew il-proceduri odjerni. L-i*Standard terms and conditions* intbaghtu lil Dr Fenech f'zewg okkazjonijiet, fejn dawn jghidu li fuq kull ammont dovut jibdew jiddekorru l-imghaxijiet skond il-BOV base rate + 4% kuljum u jekk l-ammont ma jigiex imhallas il-klijent jehel ukoll l-ispejjez legali kollha.
In kontro-ezami xehed illi llum ghandhom laboratorju differenti minn dak li kellhom dak iz-zmien u llum gieli jaghtu permess biex in-nies ikunu prezenti pero` qabel ma kinux. Huwa jghid li t-testing li ghamlu huwa skond l-istandards PS6073 (KB1). Rigward id-diskussjoni li kellu ma Dr Fenech f'Marzu 2007 jghid li ma kinitx diskussjoni dwar il-hlas imma kien ghamel suggeriment li kien ser itihom aktar xoghol fil-futur.

Sema` x-xhieda ta' **Dr Joseph Fenech** illi waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2008 xehed illi waqt li kienu qed isiru t-testijiet inqalghet kwistjoni peress illi n-nies tieghu ma setghux jidhlu ghat-testijiet, imbaghad sussegwentement ir-rizultati gew fin-negattiv, ma kinux tajbin. Dak iz-zmien kien ghamel testijiet ghand terzi u kienu rrizultaw tajbin u ghalhekk meta gie mitlub ihallas dehrlu li kien hemm ragunijiet validi biex ma jhallasx. Kien hemm okkazjonijiet ohra meta ghamlu t-testijiet ghand is-socjeta` attrici u dejjem kienu prezenti. Kien biss f'din l-okkazjoni meta marru bil-*hollow blocks* in kwistjoni li ma hallewhomx jidhlu. Ix-xhud jispjega li l-blocks jintaghzlu *at random* minn eluf ta' blocks u din il-proceduri ntuzat kemm meta ghamlu t-testijiet ghand is-socjeta` attrici kif ukoll meta ghamluhom ghand terzi. It-testijiet ghand terzi ghamluhom bil-blocks mill-istess *batch*.

L-istess xhud in kontro-ezami jghid illi meta qal li ghand is-socjeta` attrici t-testijiet irrizultaw fin-negattiv huwa kien qed ifisser illi l-concrete ma kienx lahaq l-istandard necessarju filwaqt illi ghand terzi irrizulta illi l-concrete kien ta' standard necessarju. Huwa jispjega li ma kienx lest

ihallas peress illi r-rizultat kien negattiv u ghandu dubji kemm it-testing sar bil-mod li kellu jsir. Huwa jghid illi ma hemm hadd indipendenti illi jista` jikkonferma illi l-blokok li hadu ghand is-socjeta` attrici u l-ohrajn li hadu ghand terzi kienu mill-istess batch.

Sema` x-xhieda tal-**Perit Daniel Portelli** prodott mis-socjeta` konvenuta li waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju 2008 xehed illi huwa impjegat tas-socjeta` konvenuta. Kien hemm okkazjoni meta kien cempel lis-Sur Tony Spiteri biex jaraw it-testijiet kinux lesti u kien hemm okkazjoni ohra fejn cemplu biex jaraw fuq ir-rizultat. F’din l-okkazjoni kien qallu li t-testijiet ma ghaddewx. Kien hemm ukoll okkazjoni fejn huwa kien talbu personalment biex rapprezentant taghhom ikun prezenti waqt it-testijiet izda hu kien qallu li ma kienx possibbli. Kien ghamel din ir-rikjesta ghax kemm il-darba kienu talbu u dejjem giet accettata. Huwa jghid li qatt ma kkummenta mas-socjeta` attrici li kien inkwetat dwar xi samples. Meta kellhom rizultat negattiv minghand is-socjeta` attrici huma kienu taw samples lil kumpanija ohra li mbaghad irrizultaw posittivi. Huwa pprezenta sett ta’ dawn ir-rizultati mmarkati Dok DP1.

In kontro-ezami xehed illi jekk ma kienx sejjer zball kien hu wahdu li ha l-kampjuni ghand Harrison. Dr Fenech kien talbu biex xi hadd ikun prezenti waqt it-testing u huwa ghamel ir-rikjesta. Ir-risposta kienet li hadd ma seta` jkun prezenti. Huma xorta accettaw li jsir it-testing. Suggerit lilu li mill-istess batch ta’ materjal jista` jkun hemm rizultati differenti ta’ testing huwa jghid li din tista` tigri ghalkemm hija remota hafna u dan peress illi mill-istess batch kellhom samples ohra li ttestjaw u r-rizultati taghhom gew esebiti. Ix-xhud jghid li huma wkoll jaghmlu l-quality control taghhom. Huwa ma jesludiex illi l-invoice tas-socjeta` attrici kienet harget qabel ma huma kienu jafu bir-rizultati peress illi s-socjeta` attrici ghandha sistema li r-rizultati jtuhom bi skambju ghall-hlas tat-testijiet. Huwa jghid li ma hallsux ghax kellhom dubju illi t-test ma sarx kif sippost. Huma ma talbux lis-socjeta` attrici tkun presenti meta marru ghand Bitmac. Huwa jikkonferma li meta jsiru testijiet fuq il-materjal dan ghandu jkun ilu mxarrab ghal

sittax-il siegha qabel ma jsir it-testing. Mistoqsi, b’referenza ghar-rizlutati ta’ Bitmac a fol 42 tal-process ghaliex moisture conditions tal-prodott huwa ndikat bhala totally dry ix-xhud iwiegeb illi t-test ma ghamlux hu. Ma jistax jikkonferma illi meta l-item ikun dry ir-rizultat ikun hafna ahjar.

In ri-ezami l-istess xhud jikkonferma illi s-samples li taw lis-socjeta` attrici kienu mill-istess batch tas-samples li taw lis-socjeta` Bitmac. Is-socjeta` attrici qatt ma tathom ir-rizultati bil-mod kif tathomlom is-socjeta` Bitmac u kif jinsabu a fol 42 tal-process. Huwa jghid ukoll li jista` jkun li s-socjeta` attrici ghaddiet ir-rizultati taghhom li Dr Joseph Fenech.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u ha konjizzjoni ta’ l-atti kollha processwali.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawzat thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi essenzjalment din il-kawza tikkoncerna talba ghal hlas ta’ servizzi maghmula u ppresetati mis-socjeta` attrici li dik konvenuta, konsistenti f’testijiet fuq prodott tal-concrete tas-socjeta` konvenuta, liema hlas is-socjeta` konvenuta tghid illi ma ghandiex taghmlu ghaliex ir-rizultat ma kienx dak mixtieq u peress illi l-proceduri adottati mis-socjeta` attrici ma kienux xierqa in kwantu illi rappresentant taghha ma thalliex ikun presenti ghat-testijiet.

Illi t-Tribunal ihares lejn ir-ragunijiet mressqa mis-socjeta` konvenuta sabiex tiggustifika n-nuqqas ta’ hlas, u jezaminhom wahda wahda. Ma hemmx dubbju illi x-xoghol mis-socjeta` attrici sar u ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kont per se illi huwa eccessiv.

Fl-ewwel lok is-socjeta` konvenuta ssostni illi t-testijiet ma tawx ir-rizultati mixtieqa. Is-socjeta` konvenuta tghid illi t-

testijiet ma tawx rizultati tajbin, u ssostni illi ittiehdu prodotti mill-istess batch ghand haddiehor u taw rizultati tajbin.

Qabel xejn it-Tribunal irid jirrileva illi s-socjeta` konvenuta naqqset milli tipprova illi t-testijiet maghmula mit-terzi kienu tajbin filwaqt illi dawk maghmula ms-socjeta` attrici kienu hziena. Il-prova li hemm hija li z-zewg testijiet taw rizultat differenti, imma dan ma jfissirx illi wiehed huwa tajjeb u l-ioehor huwa hazin. Hemm diversi fatturi illi wiehed irid jikkonsidra, fost affarijiet ohra u forsi anke l-aktar importanti, illi ma hemmx prova konklussiva u cara illi z-zewg testijiet saru fuq l-istess batch ta’ prodotti. Anzi, jekk ghandu jinghad xi haga minn dak li rrizulta mill-provi propdotti, hemm dubbju fuq it-testijiet kif maghmula mit-terz u mhux kif maghmula mis-socjeta` attrici.

Illi dan qed jinghad partikolarment in kwantu illi rrizulta illi t-testijiet ghand it-terz saru fuq prodotti xotti meta jidher illi l-aqwa rizultati jigu ottenuti meta u jekk il-prodott ikun ilu mxarrab ghal perjodu ta’ hin konsiderevoli. Il-Perit Daniel Portelli, Perit tas-socjeta` konvenuta stess, ma qalx wisq fuq dan meta gie mistoqsi - u rrisponda biss illi huwa ma kienx presenti ghat-testijiet, ghalkemm qal ukoll illi “*nista` nikkonferma illi meta jsiru it-testijiet fuq il-materjal dan gahndu jkun ilu mxarrab ghal 16 il-siegha qabel ma jsir it-testing*”.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk, illi jekk hemm dubbju fuq liema mit-testijiet huwa tajjeb, id-dubbju ikollu bilfors imur fuq it-test kif maghmul mit-terz. Konkluzjoni din bl-ebda mod xjentifika, imma bbazata biss fuq il-provi kollha prodotta mill-partijiet f’dan il-kaz.

Ikkunsidra ulterjorment illi :

Illi s-socjeta` konvenuta sostniet ukoll u fit-tieni lok illi ma kienitx ser thallas  peress illi rappresentant taghha ma thalliex ikun presenti waqt it-testijiet. It-Tribunal isib din ir-raguni bhala raguni fjakka u attentat iddisprat sabiex is-socjeta` konvenuta issib skuza ohra biex tevita il-hlas.

Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax illi kien hemm xi prattika illi giet mcahhda lis-socjeta` konvenuta. Ma jirrizultax lanqas illi s-socjeta` attrici kellha xi dritt illi jkollha rappresentant taghha waqt it-testijiet. Anzi jirrizulta kunflitt fis-sens illi filwaqt illi s-socjeta` konvenuta ssostni illi solitament kien ikollha rappresentant waqt it-test, filwaqt illi s-socjeta` attrici tghid illi illum hemm laboratori godda u huwa issa illi jista` jkun hemm rappresentant. Di piu` jirrizulta ukoll illi l-process tat-test huwa wiehed pjuttost laboruz u mhux verosimili illi jkun hemm persuna fil-hin kollu li jkun qed isir it-test.

Imma ghat-Tribunal – hu x'inhu l-kaz - ghaliex ma kienx hemm rapprezentant tas-socjeta` konvenuta waqt it-testijiet, dan ma jfissirx illi b'daqshekk is-socjeta` konvenuta ppruvat illi t-testijiet ma sarux sewwa bil-konsegwenza illi jimmerita illi s-socjeta` konvenuta ma thallasx.

Illi jekk ir-rizultat tat-testijiet mhux kif xtaqet is-socjeta` konvenuta – dan zgur illi ma jfissirx b'daqsekk illi ma ghandiex thallas tas-servizz moghti lilha. Is-socjeta` attrici kellha tipprova illi kellha raguni valida biex twassal lit-Tribunal jichad it-talba attrici – u mill-apprezzament shih tal-provi prodotti, it-Tribunal ma jistghax ihossu komdu ighid illi s-socjeta` konvenuta ghandha raguni valida sabiex ma thallasx.

Ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, iz-zewg ragunijiet migjuba mis-socjeta` konvenuta sabiex tevita l-hlas ma jsibux sostenn xieraq biex jiggustifika l-posizzjoni taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara illi sema` x-xhiedha u ra d-dokumenti kollha esebiti, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€834.92), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-istess Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------